31993R0461

L 49/70 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 27.2.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 461/93

tas-26 ta' Frar 1993

li jistipula regoli dettaljati għall-iskala Komunitàrja għall- klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali ovini

IL-KUMMISSJONI TAL- KOMUNITÀJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir- Regolament tal- Kunsill (KEE) Nru 3013/89 tal- 25 ta' Settembru 1989, dwar l- organizzazzjoni komuni tas- suq tal- laħam tan-nagħaġ u l- laħam tal-mogħoż [1] kif emendat mir- Regolament (KEE) Nru 363/93 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal- Kunsill (KEE) Nru 2137/92 tat- 23 ta' Lulju 1992 li jirrigwarda l-iskala Komunitarja għall- klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali ovini u li jistabilixxi l-istandard ta' kwalità Komunitarju għal karkassi tan-nagħaġ friski jew iffriżati u li jestendi r-Regolament (KEE) Nru 338/91 [3], u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 4 (3), 5, 6 u 7 (2) tiegħu,

Billi ir- Regolament (KEE) Nru 2137/92 kien jipprevedi standard ta' klassifikazzjoni ta' karkassi li japplika fil-Komunità' kollha bil-għan li jtejjeb it-trasparenza tas-suq fis-settur tal-laħam tan-nagħaġ; billi regoli dettaljati huma meħtieġa sabiex jiġu determinati l-prezzijiet tas-suq li huma stabbiliti a bażi ta' dan l-istandard ta' klassifikazzjoni; billi għandhu jiġi provdut sabiex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tas-suq fl-istadju xieraq tal-proċess tal- kummerċjalizazzjoni; billi dan l-istadju għandu jkun fid-dħul fil-biċċerija; billi, sabiex sabiex il- klassifikazzjoni uniformi tal- karkassi ta' annima ovini tiġi żgurata fil-Komunità, huwa neċessarju li jkun hemm definizzjonijiet ta' klassijiet ta' konformazjoni, klassijiet ta' xaħam u kulur iktar preċiżi;

Billi sistema ta' irrapportar ta' prezzijiet għandha tiġi stabbilita a bażi tal-klassifikazzjoni magħmula fil-biċċeriji immedjatament wara l-qtil; billi dan jirrikjedi identifikazzjoni korretta tal-karkassi;

Billi l-klassifikazzjoni għandha ssir minn staff li huwa kwalifikat biżżejjed; billi għandu jkun hemm kontrolli effettivi sabiex jiġi verifikat kemm wieħed jista' joqgħod fuq il- klassifikazzjoni u sabiex jiġi żgurat li qiegħda tiġi applikata b'mod omoġenju;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2137/92 kien jipprevedi li l-ispezzjoni fuq il-post għandha titmexxa minn grupp ta' spezzjoni Kommunitarju, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' l-iskala ta' klassifikazzjoni Kommunitarja fil-Komunità';

Billi huwa neċessarju li jiġu stipulati regoli dettaljati dwar il-kompsozzjoni tal- grupp u l-implimentazjoni ta' l-inspezzjonijiet fuq il-post;

Billi l-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Ġestjoni għan-Nagħaġ u l-Mogħoż,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il- prezz tas-suq li għandu jiġi stabilit a bażi ta' l- Iskala Komunitarja għall- klassifikazzjoni ta' karkassi ta' annimali ovini msemmija fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2137/92 għandu jkun il-prezz fid-dħul fil-biċċerija, nett tat-taxxa fuq valur miżjud imħallsa lill-fornitur tal-ħaruf ta' oriġini Komunitarja. Dan il-prezz għandu jiġi espress għal kull 100 kg ta' piż tal-karkass ippreżentata skond il-preżentazjoni ta' referenza prevista fl-Artikolu 2 tar-Regolament bil-piż imkejjel u ikklassifikat fuq il-grampun fil- biċċerija.

2. Il-piż li għandu jiġi ikkonsidrat huwa l-piż tal-karkass meta jkun shun ikkoreġut sabiex jittieħed ukoll in konsiderazzjoni in-nuqqas fit-toqol meta jiksaħ. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bill fatturi korrettivi li ntużaw.

3. F'kas li l-presentazzjoni ta' karkassi wara li jkunu ntiżnu u ġew klassifikati fuq il-grampun ivarja mill-presentazjoni ta' referenza, l- Istati Membri għandhom jaġġustaw il-piż tal-karkass billi japplikaw il-fatturi korrettivi li jinsabu fl-Artikolu 2 tar- Regolament (KEE) Nru 2137/92. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bill-fatturi korrettivi li jkunu użaw. Madanakollu, għall-iskopijiet tal-kategoriji A u B msemmija fl-Anness III tar- Regolament. L-Istati Membri jistgħu jirrapportaw prezzijiet għal kull 100 kg għall-presentazzjoni normali ta' dawn il-karkassi. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill- Kummissjoni bid-differenzi bejn din il-presentazzjoni u l-presentazzjoni ta' referenza.

Artikolu 2

1. L- Istati Membri li l-produzjoni tal-laħam tan-nagħaġ tagħhom taqbeż il-200 tunnellata fis-sena għandhom jibgħatu lill- Kummissjoni qabel il- 15 ta' Marzu 1993 lista kunfidenzjali tal-biċċeriji u/jew stabilimenti oħra li jipparteċipaw fl-iffissar tal-prezzijiet skond l-Iskala Komunitarja (minn ħawn il-quddiem msejħa 'stabbilimenti parteċipanti' flimkien ma' indikazjoni tal-ammont approssimattiv ta' materjal li jiġi ipproċessat fis-sena minn dawn l- istabilimenti parteċipanti.

[1] ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1.
[2] ĠU L 42, tad-19.2.1993, p. 1.
[3] ĠU L 214, tat-30.7.1992, p. 1.

2. L- Istati Membri msemmija fil- paragrafu 1 għandhom jikkomunikaw lill-Kumissjoni l-iktar tard kull nhar ta' Ħamis u għall-ewwel darba fit-8 ta' April 1993 l-iktar tard, il-prezz medju fil-munita nazzjonali ta' kull kwalità ta' ħaruf fl-iskali Komunitarji għall-istabilimenti parteċipanti kollha reġistrati matul il-ġimgħa ta' qabel il-ġimgħa meta tingħata l-informazjoni, flimkien ma' indikazjoni tad-daqs ta' kull kwalità. Madanakollu, jekk kwalità tkun inqas minn 1 % tat-total, il-prezzijiet m'għandhomx għalfejn jiġu rapportati. L-Istati Membri għandhom jibgħatu wkoll lill- Kumissjoni l-prezz medju a bażi ta' piż għall-ħaruf klassifikat kollu f'kull skala użata għall-iskopijiet rapportar ta' prezzjiet.

Madanakollu, l-Istati Membri huma awtorizzati sabiex jissoddividu l-prezz rapportat għal kull waħda mill-klassijiet ta' konformazjoni u gradi ta' xaħam msemmija fl- l-Anness a bażi ta' piż. Il-kelma 'kwalità' tfisser il-kombinazzjoni ta' klassi ta' konformazjoni u koperta tax-xaħam.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet addizzjonali msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2137/92 għandhom ikunu kif elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament għall- klassijiet ta' konformazjoni u koperta ta' xaħam. Il-kulur tal-laħam, msemmi fl-Anness III tar- Regolament (KEE) Nru 2137/92, għandu jiġi stabilit fuq il-koxxa fir- 'rectus abdominis' b' referenza għal chart ta' kuluri standardizzata.

Artikolu 4

1. Il- klassifikazzjoni għandha ssir ta' mill-iktar tard sieħa wara l-qtil.

2. L- identifikazjoni msemmija fl- l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2137/92 ta' karkassi jew nofs karkassi klassifikati skond l-iskala Komunitarja għall- klassifikazzjoni tal-karkassi ta' annimali ovini fi stabilimenti parteċipanti għandha ssir permezz ta' marka li tindika l-kategorija u l-klassi ta' konformazjoni u koperta ta' xaħam.

Dan l-imarkar għandu jsir permezz ta' stampar, u għandha tintuża inka indelibbli u mhux tossika skond metodu approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il- kategoriji għandhom ikunu msemmijin hekk:

— L: karkassi ta' nagħaġ taħt l-età ta' tnax il-xagħar (ħaruf):

— S: karkassi ta' nagħaġ oħrajn.

3. L- Istati Membri jistgħu jawtorizzaw is-sostituzzjoni tal-immarkar bl-użu ta' tikketti tikketti li ma jistgħux jinbidlu u li jeħlu sew.

Artikolu 5

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klassifikazjoni ssir minn tekniċi li huma suffiċjentement kwalifikati. L-Itati Membri għandhom jistabilixxu dawn il-persuni permezz ta' proċedura ta' ftehim jew billi jinnominaw organu responsabbli għal dan il-għan.

2. Il-klassifikazzjoni mill-istabilimenti parteċipanti koperti mill-Artikolu 2 għandha tiġi kontrollata fuq il-post mingħajr twissija minn organu nominat mill-Istat Membru u indipendenti mill-istabbiliment parteċipanti. Għandhom isiru kontrolli mill-inqas darba kull tlett xhur fl-istabbilimenti kollha parteċipanti u li jħaddmu klassifikazjoni u għandhom jiffokaw fuq ta' mill-inqas 50 karkass magħżulin arbitrarament.

Madanakollu, jekk l-organu responsabbli għall-kontrolli huwa l-istess wieħed responsabbli għall-klassifikazzjoni jew jekk ma jaqax taħt l-awtorità ta' organu pubbliku, il-kontrolli msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom isiru taħt is-sorveljanza fiżika ta' organu pubbliku taħt l-istess kundizjonijiet u ta' mill-inqas darba f'sena. L-organu publiku għandu jiġi informat regolarment bis-sejbiet ta' l-organu responsabbli għall- kontrolli.

Artikolu 6

Il-Grupp ta' Inspezzjoni Komunitarja previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2137/92 (minn issa 'l quddiem msejjaħ 'il-Grupp') għandu jkun responsabbli biex iwettaq kontrolli fuq il-post, li jinkludu:

(a) l-applikazzjoni ta' l-arranġamenti li jirrigwardaw l-iskala ta' klassifikazjoni Komunitàrja għall-karkassi ovini;

(b) li jiġu stabiliti prezzijiet tas-suq skond l-iskala ta' klassifikazjoni.

Artikolu 7

Il- Grupp għandu jiġi presedut minn wieħed mill-esperti tal-Kumissjoni. L-Istati Membri għandhom jaħtru esperti a bażi ta' l-indipendenza tagħhom u l-ħila tagħhom fil-qasam ta' klassifikazzjoni tal-karkassi u l-iffissar ta' prezzijiet tas-suq.

L- esperti ma jistaw taħt ebda ċirkustanza jużaw għal skopijiet personali jew ixerrdu informazjoni miksuba in konnessjoni max-xogħol tal- Grupp.

Artikolu 8

1. Spezjonijiet fuq il-post għandhom isiru minn delegazjoni tal-Grupp limitata għal massimu ta' disa' membri. Għal dan il-għan hija għandha tkun magħmula skond ir-regoli li ġejjin:

— ta' mill-inqas żewġ esperti tal-Kumissjoni, li wieħed minnhom għandu jaġixxi bħala President tad-delegazzjoni,

— espert wieħed ta' l-Istat Membru konċernat,

— espert wieħed ta' l-Istat Membru fuq it-territorju ta' liema it-tfittxija ta' fuq il-post preċedenti tkun saret,

— espert wieħed ta' l-Istat Membru fuq it-territorju ta' liema tkun ħa ssir tfittxija fuq il-post sussegwenti,

— massimu ta' tlett esperti minn Stati Membri oħra.

2. Il-komposizjoni tad-delegazjoni għall-ewwel spezzjoni għandha tiġi deċisa mill- Kumissjoni.

Artikolu 9

1. Spezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru ta' mill-inqas kull tlett snin f'kull Stat Membru u fejn meħtieġ jistgħu jiġu segwiti bi żjariet supplimentari. F' tali żjarat id-daqs tad-delegazjoni jista' jitnaqqas.

Il- programm ta' żjarat ta' spezzjoni għandu jitħejja mill-Kumissjoni wara li tikkonsulta lill-Istati Membri. Rappreżentanti ta' l- Istat Membru fejn issir iż-żjara jistgħu jattendu għall-ispezzjonijiet.

2. Kull Stat Membru għandu jorganizza ż-żjariet li għandhom isiru fit-territorju tiegħu skond il-ħtiġijiet definiti mill- Kumissjoni. Għal dak il-għan, l-Istat Membru għandu jibgħat, 30 ġurnata qabel iż-żjara, programm dettaljat taż-żjarat ta' spezzjoni proposti lill-Kummissjoni, li tista' jirrekjedi emendi fil-programm.

3. Il- Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kemm jista' jkun qabel kull żjara bil-programm u l-medda tiegħu.

4. Meta jitlestew dawn iż-żjarat, il- membri tad- delegazjoni u r-rappresentanti ta' l-Istati Membri fejn ikunu saru ż-żjarat għandhom jiltaqgħu sabiex jikkonsidraw ir-riżultati. Il- membri tad-delegazjoni għandhom mbagħad jiġbdu l-konklużjonijiet miż-żjara li jikkonċernaw il-punti msemmija fl-Artikolu 6.

5. Il-President tad-delegazjoni għandu jħejji rapport li jkun fih dettalji taż-żjara u l-konklużjoni msemmija fil- paragrafu 4. Ir-rapport għandu jintbagħat lill- Kumissjoni u lill-Istati Membri kollha kemm jista' jkun malajr u fi kwalunkwe każ fiż-żmien 30 ġurnata minn meta titlesta ż-żjara.

Artikolu 10

L-ispejjeż ta' vjaġġar u ta' l-għixien tal- membri tal- Grupp għandhom jitħallsu mill-Kummissjoni skond ir- regoli applikabbli għar-radd lura ta' spejjeż ta' vjaġġar u ta' l-għixien ta' persuni li m'għandhomx konnessjonijiet mal-Kumissjoni li jissejħu minnha sabiex jagħixxu ta' esperti.

Artikolu 11

Dan ir- Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-sebà jum wara li jiġi pubblikat fil- Ġurnal Uffiċjali tal- Komunitàjiet Ewropej.

Dan ir- Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-16 ta' Ġunju 1995.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

1. **Struttura**

Żvilupp tal-profili tal-karkassi, u, b'mod partikolari l-partijiet essenzali (kwarti ta' wara, dahar, spallejn).

Klassi ta' struttura	Disposizzjonijiet addizzjonali
S Superjuri	Kwarti ta' wara: b'muskolatura doppja. Profili konvessi ħafna Dahra: konvess ħafna, wiesa' ħafna, oħxon ħafna Spalla: konvessa ħafna u ħoxna ħafna
E Eċċellenti	Kwarti ta' wara: ħoxnin ħafna. Profili konvessi ħafna Dahar: konvess ħafna, wiesa' ħafna u oħxon ħafna sa l-ispalla Spalla: konvessa ħafna u ħoxna ħafna
U Tajjeb ħafna	Kwarti ta' wara: ħoxnin Profili konvessi ħafna Dahar: wiesa' u oħxon sa l-ispalla Spalla: ħoxna u konvessa
R Tajjeb	Kwarti ta' wara: Profili prinċipalment dritti Dahar: oħxon iżda anqas wiesa' lejn l-ispalla Spalla: żvilupp tajjeb iżda anqas ħoxna
O Passabbli	Kwarti ta' wara: Profili jkunu xi ftit konkavi Dahar: mhux wiesa' jew oħxon Spalla: Pjuttost dejqa. Mhux ħoxna
P Batut	Kwarti ta' wara: Profili minn konkavi sa konkavi ħafna Dahar: dejjaq u konkav bl-għadan jidher Spalla: dejqa, ċatta u bl-għadam jidher

2. **Grad ta' kisi ta' grass**

Ammont ta' grass fuq il-partijiet esterni u interni tal-karkassa.

Klassi ta' kisi ta' grass	Disposizzjonijiet addizzjonali [1]		
1. Baxx	Estern	Traċċi li jidhru ta' grass jew ma jidher ebda grass	
	Intern	Addominali	Traċċi li jidhru ta' grass jew ma jidher ebda grass fuq il-kliewi
		Toraċiċi	Traċċi li jidhru ta' grass jew ma jidher ebda grass bejn il-kustilji
2. Ftit	Estern	Saff ħafif ta' xaħam ikopri partijiet tal-karkassa iżda jista' jkun jidher anqas fuq ir-riġlejn	
	Intern	Addominali	Traċċi ta' xaħam jew saff ħafif ta' xaħam jiksi parti mill-kliewi
		Toraċiċi	Il-muskoli jidhru ċari bejn il-kustilji
3. Medju	Estern	Saff ħafif ta' xaħam ikopri l-parti l-kbira tal-karkassa jew kollha kemm hi. Żoni ta' xaħam kemm kemm ħoxnin fuq il-bażi tad-denb	
	Intern	Addominali	Saff ħafif ta' xaħam ikopri parti mill-kliewi jew kollha kemm huma
		Toraċiċi	Il-muskoli jkunu għadhom jidhru bejn il-kustilji

Klassi ta' kisi ta' grass	Disposizzjonijiet addizzjonali (1)		
4. Għoli	Estern	Saff oħxon ta' xaħam ikopri l-parti l-kbira tal-karkassa iżda jista' jkun anqas lejn ir-riġlejn u eħxen lejn l-ispallejn	
	Intern	Addominali Toraċiċi	Il-kliewi jkunu miksija bix-xaħam Il-muskoli bejn il-kustilji jistgħu jkunu nfiltrati bix-xaħam, Ikunu jidhru depsoiti ta' xaħam fuq il-kustilji
5. Għoli ħafna	Estern	Kopertura ħoxna ħafna ta' xaħam	
	Intern	Addominali Toraċiċi	Il-kliewi jkunu miksija b'saff oħxon ta' xaħam Il-muskoli bejn il-kustilji jkunu nfiltrati bix-xaħam, Ikunu jidhru depsoiti ta' xaħam fuq il-kustilji

(1) Id-disposizzjonijiet addizzjonali għall-kavità addominali ma jgħoiddux għall-finijiet ta' L-anness III li jinsab mar-Regolament (KEE) Nru 2137/92.